MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 34/1983/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Vincent Camilleri (u b'digriet tal-20 ta' Novembru 1997 l-Avukat Dr. Leslie Cuscchieri u l-Pl Edgar Montanaro kienu nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw il-werrieta mhux maghrufa tal-intimat wara l-mewt tieghu)**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi b'ittra ufficjali tal-25 t'Ottubru 1983, l-intimat gie notifikat b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie ddikjarat li bicca art fin-Naxxar tal-kejl ta' 4047 metri kwadri li tmiss mill-Lvant ma' proprjeta' tas-Sur Albert Sammut, min-Nofsinhar ma' proprjeta tal-Kapitlu tal-kattidral tal-Mdina u mill-Punent ma' proprjeta' tal-

Gvern hija mehtiega ghall-Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut;

Illi l-intimati gie wkoll notifikat b'Avviz ta' Ftehim fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fuq imsemmija huwa ta' sitt mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu (Lm627.30) kif jidher mir-rapport tal-Perit Oscar Caruana Montaldo A&CE tad-29 ta' Marzu 1982 li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ta' Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-3 ta' Novembru 1983 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ferm ghola minn dak offert.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jitrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art f'Hal Qormi fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Frank Portelli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provedimenti l-ohra mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 136)."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord  assenjati sabiex jassistu u jiffurmaw parti minn dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tax-xhieda u dokumenti mressqa ikkonkludew illi l-art ghandha tkun meqjusa bhala wahda agrikola u li l-valur gust ta’ kumpens ghandu jkun fl-ammont hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin euro u erbgha u tletin centezmu (E 5,823.35, liema konkluzzjoni tinsab fir-relazzjoni tal-istess periti akkluza u formanti parti minn din is-sentenza;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat jitrasferixxi b’titolu ta’ xiri assolut bhala libera u franka l-bicca art fin-Naxxar tal-kejl ta’ 4047 metri kwadri li tmiss mill-Lvant ma’ proprjeta’ tas-Sur Albert Sammut, minn Nofsinhar ma’ proprjeta’ tal-Kapitlu tal-Katidral ta’ l-Mdina u mill-Punent ma’ proprjeta’ tal-Gvern, liema art qed tkun dikjarata agrikola, u dan bil-kumpens ta’ hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin euro u erbgha u tletin centezmu (E 5,823.35), oltre l-imghax skond il-ligi. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-14 t’April 2010 fis-1.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Michael Camilleri LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharrf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.  L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------